# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Ottubru 2017

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Numru: 968/2013 JPG**

**Dr. Suzanne Wolfe Martin bhala mandatrici tas-socjeta' Primitive African Art Limited socjeta estera registrata gewwa l-British Virgin Island**

**VS**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-8 t'Ottubru 2013, li jaqra hekk:

i. *"Illi s-socjeta rikorrenti, senjatament Primitive African Art Limited (minn lutztrn il-quddiem PAA), hija kumpanija legalment registrata, sa mis-sitta(6) ta' Ottubru 1997, gewwa il-British Virgin Islands bin-numru ta' registrazzjoni 251483, u dana kif ahjar indikat fil-memorandum and articles of association hawn annessi u mmarkati bhala* ***<u>PAA1</u>****-;*

ii. *Illi sa mis-sena ta' registrazzjoni tal-kumpanija u cjoe' is-sena 1997, is-socjeta attrici hatret lil Allied Services li hija kumpanija registratta gewwa Geneva bhala fiducjarju ta' PAA, u li minn naha taghha hatret lil Henri Baudet*

*sabiex jagixxi f isimha, u dana taht titolu specifiku u li tagixxi* ***biss u esklusivament*** *fl-interess u fuq stuzzjonijiet tas-socjeta' benificjarja PAA;*

iii. *Illi fid-data ta' registrazzjoni u snin sussegwenti, minbarra li okkupa l-kariga ta' fiducarju tas-socjeta' rikorrenti, Henri Baudet agixxi ukoll bhala direttur u President ta' l-istess s-socjeta' PAA, u dana kif ukoll indikat fic-certifikat ta' registrazzjoni hawn anness u mmarkat bhala* ***PAA2****;.*

iv. *Illi minkejja s-suespost, u minkejja l-principju li japplika ergo omnes u cioe' li Direttur ta' kumpanija ghandu l-obbligu li jagixxi dejjem fl-interess tal-kumpanija, permezz ta' numru ta' transazzjonijiet mhux awtorizati, l-flus hawn fuq surruferiti gew imnezza u mnaqsa mill-patrimonju ta' PAA u dana wara li Henri Baudet fuq meddha ta'numru ta' snin, trasferixxa dawn il-flus lil terzi minghajr ma' kien awtorizat sabiex jaghmel dan;*

v. *Illi jirrizulta minn xiehda moghtiia mill-istess Henri Baudet fi proceduri kriminali gewwa il-Canton ta' Geneva (decizjoni moghtija nhar is-17 ta' Mejju 2013), ammetta li trasferixxa l-fondi minghajr awtorizazzjoni (kopja tad-decizjoni tal-Canton ta' Geneaa anness u mmarkat bhala* ***PAA3****);*

vi. *Illi in oltre, l-intimat Maher Mellouli, li huwa persuna mwielda t-Tunezija li izda b'nazzjonalita Franciza, flimkien ma' socjeta' lngliza bl-isem ta' Mediterranean Oil Trading Limited, prezentament qed jistennew l-ezitu ta' l-appell wara li instabu hatja waqt proceduri kriminali gewwa l-Belgju, u dana ukoll marbutin ma' l-azzjonijiet mwettqa fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti PAA, kif ahjar spjegat fid-dokument ufficjali tas-7eme chambre tal-pubbliku Ministeru Belgjan, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***PAA4****;*

vii. *Illi minn stharrig li sar, jidher li fost il-kumpaniji li ibbenifikaw minn dawn it-trasferimenti hemm numru ta' kumpaniji registrati gewwa Malta, senjatament:*

a. ***Gencon International Limited*** *numru ta' registrazzjoni C- 47173 ;*
b. ***Sealandair Energy International Limited*** *numru ta' registrazzjoni C-47176;*

c. ***Mediterranean Oil Traders Limited*** *numru ta' registrazzjoni C-49026;*

d. ***Syaufin Southern Europe Limited*** *numru ta' registrazzjoni C- 53059 ;*

e. ***Best Inter Limited*** *numru ta' registrazzjoni C-34262;*

viii. *Illi di piu, mill-istess xiehda hawn fuq surruferita jidher li l-istess Henri Baudet trasferixxi uhud mill-fondi li jappartjenu lis-socjeta' rikorrenti, lil intimati Maher Mellouli u Dirk Borgers, u dana bi pregudizzju u dejjem a skapitu ta' l-interessi tas-socjeta' PAA;*

ix. *Illi huwa importanti li jinghad li l-intimati Maher Mellouli u Henri Baudet, huma azzjonisti u/ jew diretturi ta' uhud mill-kumpaniji registrati gewwa Malti, u allura l-konnessjoni bejnithom hija wahda stretta hafna;*

x. *Illi n vista tas-suespost, is-socjeta' PAA taghmel ukoll referenza ghall:*

a. *proceduri intavolati quddiem l-awtoritajiet Belgjani, liema wasslu sabiex jitkomplew gewwa Malta permezz ta' ittri rogatorji (il-Bank of Valletta kienu msejha bhala xhieda f dawn il-proceduri);*

b. *proceduri civili intavolati quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet " Primitive African Art kontra Henri Baudet et" (il-Bank of Valletta kienu msejha bhala xhieda f dawn il-proceduri);*

c. *evidenza migjuba, kif ukoll ghad-dokumentazzjonijiet bankarji li jistabilixxu li certu fondi hargu mill-kontijiet bankarji tal-mittenti u li effetivament spiccaw fil- kontijiet bankarji ta' diversi entitajiet, miftuha mal-Bank of Valletta;*

xi. *Illi bhala stat ta' fatt jirizulta li l-Bank of Valletta, ma hax il- prekawzjonijiet necessarji u lanqas il-process maghruf bhala 'due diligence' ma' sar, hekk kif mitlub mill-ligi ai terruini ta' artikolu 4 ta' l-avviz legali 180 ta' 2008 dwar ir- 'Regolamenti kontra money laundering u finanzjar ta' terrorizmu', li fost affarijiet ohra jistabilixxi li:*

*"Ebda persuna suggetta m'ghandha tifforma relazzjoni kummercjali jew taghmel xi operazzjoni li ssir minn zmien ghal zmien ma' applikant ghall-kummerc kemm-il darba dik il-persunn suggetta.*

*(a) ma tadottax dawn il-nrizuri u proceduri stabbiliti fir-rigward ta' dak il-kummerc skond d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti :*

*(i) mizuri ta' diligenza dovuta li tirrigwardha l-klijent;*
*(ii) proceduri drttnr kif jinzammu records; u*
*(iii) proceduri ta' rapporti interni;"*

xii. *Illi kieku tali verifiki saru, u l-provenjanza tal-fondi kienet accertata,l-akkadut u cjoe' li certu klijenti tal-Bank of Valletta (fosthom Best Inter Limited u Maher Mellouli) uzaw l-kontijiet bankarju taghhom sabiex jahslu l-flus mehuda mill-kontijiet tas-socjeta' rikorrenti, seta jigi evitat - b'konsegwenza li s-socjeta' mittenti soffriet danni kbar (kopja ta'estratt minn statementsof accounts of Maher Mellouli hawn annessa u mmarkata bhala* ***PAA5****);*

xiii. *Illi in vista tas-suespost, gie intavolat protest gadizzjarju, , dana bil-hsieb li inter alia jgieb a konjizzjoni tal-Bank of Valletta li l-agir u komportament wassal ghal ezitu li huwa dannegjanti ferm fil-konfront ta' PAA u konsegwentament il-Bank gie mitlub sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni - izda mhux talli li l-Bank ma resaqx sabiex ihallas id-danni, izda sahansitra injora kompletament it- protest gudizzjarju, , dana ovvjament bil'konsegwenzi kontemplati fil-legislazzjoni Maltija (kopja tal-protest gudizzarju anness u mmarkat bhala* ***PAA6****);*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi ordni, provvediment u dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, jogghobha:*

i. *Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta, permezz ta' l-agir u komportament taghha naqset milli taghmel dak li huwa rikjest minnha, jew naqset li taghmel parti minn dak li huwa mistenni minnha, u dana bi ksur inter alia ta' artikolu 4 et.*

*seq. ta' l-avviz legali 180 ta' 2008 dwar ir-'Regolamenti kontra money laundering u finanzjar ta' terrorizmu' tal-ligijiet ta' Malta, meta fethet kontijiet bankarji u/ jew irceviet depoziti u/jew affetwat pagamenti mill u/jew fil-kontijiet bankarji ta' Maher Mellouli, Dirk Borgers, Henri Baudet, S.C.I. Consultants Limited (C-46885), Sealandair Energy International Limited (C-47176), Best Inter Limited (C-34262), Gencon International Limited (C-47173), Syaufin Southern Europe Limited (C-53059) u Mediterranean Oil Traders Limited (C-49026), jew minn minnhom;*

ii. *Tiddikiara lis-socjeta' konvenuta, permezz ta' l-agir u komportament taghha naqset milli taghmel dak li huwa rikjest minnha ai termini ta' inter alia 1124A et. seq. tal-kap. 76 tal-ligijiet ta' Malta u dana stante li bhala terza persuna, agixxit meta kienet taf , jew meta kienet ragonevolment mistennija li tkun taf, mic-cirkostanzi, bi ksur ta' 1-obbligazzjonijiet fiducjarji mill-fiducjarji Maher Mellouli, Dirk Borgers, Henri Baudet, S.C.I. Consultants Limited (C-46885), Sealandair Energy International Limited (C-47176), Best Inter Limited (C-34262), Gencon International Limited (C-47173), Syaufin Southern Europe Limited (C-53059) u Mediterranean Oil Traders Limited (C- 49026), jew minn minnhom, u ghaldaqstant irceviet u/ jew xort'ohra akkwistat proprjeta u/ jew aghmlet qligh iehor mill-ghemil jew permezz tal- ghemil tal-fiducjarju;*

iii. *Tiddikjara li tali ommissjonijiet u/jew komportament, u/jew n-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet suindikati, da parti tas-socjeta' konvenuta wassal u jew kompla ghen sabiex is-socjeta' rikorrenti tigi zvestita minn flusha;*

iv. *Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma dikiarata u likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv per konsegwenza tal-istess agir u komportament u nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet da parti tas-socjeta' konvenuta;*

v. *Tikkundanna, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din 1-Onorabbli Qorti, lis-socjeta' intimata, thallas id-danni li gew ikawzati mill-agir u l-komportament taghha;*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa stess ingunta in subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata;

Rat ir-risposta tal-Bank of Valletta p.l.c tat-12 ta' Novembru 2013 (a fol. 209 et seq li taqra hekk:

1. *Illi, preliminarjament, Dr. Suzanne Wolfe Martin trid tipprova illi hija ghandha Mandat validu skont il-Ligi biex trnaprezenta is-socjeta' attrici Primitive African Art Limited.*

2. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u kwalsiasi addebitu maghmul fil-konfront tal-persuni msemmija fir-Rikors Guramentat huwa fir-rigward tas-socjeta' esponentt' res inter alios acto'.*

3. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregtdizzju, is-socjeta' attrici trid tipprova n-'nexus' kawzali li hija qieghda tallega li jezisti fil-konfront tas-socjeta konvenuta Bank of Valletta p.l.c, fir-rigward ta' xi danni li fil-kawza fl-ismijiet "Primitive African Art Limited vs. Henri Baudet et" (Rikors Guramentat numru 1004/2012 JZM) hija stess qieghda tallega li sofriet unikament b'rizultat ta' t-agir tat- terzi konvenuti f dak ir-Rikors Guramentat.*

4. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' attrici trid tispecifika liema transazzjonijiet qed tillanja minnhom sabiex is-socjeta' konvenuta tkun imqeghda fi stat li tista' tirrispondi, tirribatti u teccepixxi ulterjorment.*

5. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' konvenuta tichad illi hija naqset minn xi obbligu li kellha skont il-Ligi.*

6. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu illi is-socjeta' konvenuta kellha obbligi fiducjarji lejn is-socjeta' attrici jew lejn xi wiehed jew wahda mill-persuni msemmij a fir-Rikors Guramentat.*

7. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' konvenuta ma kisret l-ebda obbligu fiducjarju li allegatament kellha versu l-attrici jew lejn xi wiehed jew wahda mill-persuni imsemmija fir-Rikors Guramentat.*

8. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' konvenuta bl-agir taghha jew bin-nuqqas ta' agir taghha ma ikkawzat l-ebda danni lis-socjeta' attrici.*

9. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregtdizzju, mhux minnu illi is-socjeta' konvenuta ikkontribwiet b'xi mod ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici a kawza tal-agir ta' xi wiehed jew wahda mill-persuni msemmija fir-Rikors Guramentat.*

10. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregadizzju, il-Bank mexa skont il-Ligi u hija michuda kwalsiasi allegazzjorn li 1-Bank naqas li josserva xi dispozizzjoni jew dispozizzjonijiet tal-Ligi.*

11. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregadizzju, il-Bank ezercita odue diligence' u weffaq il-prekawzjonijiet li kellu jiehu skont il-Ligi.*

12. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregtdizzjv, is-socjeta' konvenuta kategorikament tichad li hija kienet parti jew b'xi mod kkontribwiet jew kienet strumentali fxi ezercizzju ta' ‘money laundering' u minn issa tirrizerva il-posizzjoni taghha kontra l-attrici ghal din l-allegazzjoni manifestament infondata maghmula mill-attrici.*

13. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni biennali ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet.*

14. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet attnci ghandhom jigu respinti, stante illi hurna infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt, kemm ghar-*

*ragunijiet suesposti kif ukoll kif ahjar ser jimzulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi, il-fatti kif esposti fir-Rikors Guramentat mis-socjeta' attrici safejn jaddebitaw xi nuqqas lis-socjeta' esponenti huma kollha kontestati u jmiss lill-attrici tipprova dak allegat fi l-premessi tar-Rikors Guramentat.*

*Illi fatti dikjarati fir-Risposta Guramentata jaf bihom l-esponent."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Bank of Valletta p.l.c. tas-6 t'Awwissu 2014 (a fol. 539 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' Primitive African Art Limited tat-3 ta' Settembru 2014 (a fol. 546 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta Bank of Valletta p.l.c. tat-28 t'Ottubru 2014 (a fol. 557 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tas-socjeta' Primitive African Art Limited tas-27 ta' Novembru 2014 (a fol. 563 et seq.);

Rat id-decizjoni taghha moghtija fl-10 ta' Marzu 2016;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Vanessa Vella** xehdet a fol 225 *et seq* illi tokkupa l-kariga ta' Senior Manager fi hdan is-socjeta ntimata, u dan minn Ottubru 2012. Qalet illi kienet giet mitluba mill-avukati tas-socjeta ntimata sabiex tanalizza l-kopji ta' transazzjonijiet li gew prezentanti mis-

socjeta rikorrenti taqsamhom f'zewg settijiet: dak li saru qabel it-30 ta' Lulju 2011, liema dokumentazzjoni hija mmarkata bhala Dok VV2 u dawk li saru wara, li huma mmarkati bhala Dok VV3, u d-dokumenti VV4 u VV5 huma listi li jikkontjenu *summary* ta' d-dokumentazzjoni f'Dok VV2 u Dok VV3 rispettivament.

**In kontro-ezami** a fol 226 *et seq* xehdet illi qabel Ottubru 2012 hija kienet tahdem bhala Head Corporate Services Compliance tal-Valletta Fund Services Limited li hija sussidjarja tas-socjeta ntimata. Xehdet li hi ma kienet involuta fl-ebda mod fl-amministrazzjoni jew xoghol relatat meta saru dawn it-transazzjonijiet, u li ma giet imqabbda taghmel ebda analizi tat-transazzjonijiet. Xehdet illi l-klijent tas-socjeta ntimata ma kienetx is-socjeta rikorrenti izda sett ta' kumpaniji u certu Maher Merloui.

**John Scicluna** xehed a fol 534 *et seq* illi huwa jokkupa l-kariga ta' MLRO mas-socjeta ntimata u kkonferma li mir-ricerka li ghamel ma jirrizultax illi s-socjeta rikorrenti kienet qatt klijenta tas-socjeta ntimata.

**In kontro-ezami** a fol 535 *et seq* xehed illi r-ricerka ghamilha hu personali minn fuq sistema elettronika li tezisti.

**Noel Abela** xehed a fol 649 *et seq* u ghazel li jezercita d-dritt li ma jinkriminax lilu nnifshu, u ghalhekk ma wiegeb ebda domanda maghmula lilu.

**L-Ispettur Raymon Aquilina** xehed a fol 656 *et seq* illi fis-snin li ghaddew kien interroga lil Noel Abela a bazi ta' ittri rogatorji li waslu ghandhom mill-Awtoritajiet Belgjani. Xehed illi dan imur lura ghas-sena 2012 u minn dakinhar il-BOV ma ha ebda azzjoni kontra l-impjegat tieghi sa fejn jaf hu. Xehed illi sa fejn jaf hu ma ttiehdu l-ebda passi mill-Awtorijajiet Belgjani jew Maltin kontra Abela.

**Ikkonsidrat:**

Permezz tal-eccezzjoni numru tlettax (13), is-socjeta ntimata ecceppiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> "***L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.***"

Skont is-socjeta rikorrenti pero, dan l-artikolu m'huwiex applikabbli peress illi l-hsara subita giet ikkawzata mill-kommissjoni ta' reat, u ghalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni huwa dak impost mill-Kodici Kriminali skont l-Artikolu 2054 tal-Kodici Civili, u mhux mill-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Is-socjeta rikorrenti qed tikkontendi illi l-allegat nuqqas ta' osservazzjoni tad-dettami tar-Regolament 4 *et seq* tal-Avviz Legali 180 tal-2008 u in partikolari s-sub-regolament 4(1)(a)(i) u (ii) jekwivali ghal reat u ghalhekk l-artikolu applikabbli huwa l-Artikolu 2154 u mhux l-Artikolu 2153. Minn naha l-ohra s-socjeta ntimata targumenta illi dawn in-nuqqasijiet ma jammontawx ghal reat kif jirrizulta mill-ligi nnifisha peress illi skont il-ligi tali nuqqasijiet jattiraw pieni amministrattivi u ghalhekk ma jammontawx ghal reat kriminali.

**Ikkonsidrat:**

Skont is-sub-regolament 4 (5) tal-Ligi Sussisdjarja 373.01:

> "*Persuna suġġetta li tikser id*-*disposizzjonijiet tal*-*paragrafi (a) sa (ċ) tas*-*subregolament (1) tkun* ***ħatja ta' reat*** *u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien*."

Huwa car ghalhekk illi n-nuqqasijiet illi fuqhom is-socjeta rikorrenti qed tibbaza l-azzjoni taghha m'humiex sempliment kwistjonijiet amministrattivi, ghaliex il-ligi stess tikkonsidrahom u tikklassifhom bhala reat, tant illi l-ligi tipprovdi ghall-possibilita tal-imposizzjoni ta' piena karcerarja fil-kaz li tinstab htija.

Is-socjeta ntimata targumenta wkoll illi anke f'dan il-kaz, l-Artikolu 2154 m'huwiex applikabbli peress illi persuni naturali biss jistghu jikkommettu reati. Il-Qorti pero ma tikkondividix dan l-argument u dan stante illi jikkontrasta kompletament il-posizzjoni

tal-ligi. Fil-fatt, skont is-sub-regolament 5(4), tista' tinstab hatja ta' dan ir-reat '*persuna suggetta.'* L-istess legislazzjoni sussidjarja mbaghad taghti definizzjoni tat-terminu '*persuna suggetta'* u tipprovdi b'dan il-mod:

> "***"persuna suġġetta" tfisser persuna ġuridika jew naturali*** *li tkun qegħda twettaq jew kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti*;"

Minn dan isegwi illi l-argument tas-socjeta ntimata li l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili ma jistghax ikun applikabbli f'dan il-kaz peress illi hija persuna guridika u mhux naturali, huwa nfondat. Mill-ligi jirrizulta illi it-terminu 'persuna suggetta' jinkludi wkoll persuna guridika, u ghalhekk, meta s-sub-regolament 4(5) jirreferi ghal 'persuna suggetta' necessarjament jirreferi wkoll ghal persuna guridika, li konsegwentement tista' tinsab hatja tar-reat relattiv.

Ghalhekk, galadarba huwa l-Artkolu 2154 tal-Kodici Civili li huwa applikabbli, u mhux l-Artikolu 2153 citat mis-socjeta ntimata, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tisghtax tirnexxi, galadarba is-socjeta ntimata bbazat l-eccezzjoni tal-preskrizzjon taghha fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili biss, ghaliex il-Qorti hija prekluza milli tqajjem il-preskrizzjoni hi *ex officio.*

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni numru tlettax (13) tas-socjeta ntimata rigward il-preskrizzjoni tal-azzjoni, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**